**IKLIN**

**MINUTI - LAQGĦAT TAL-KUNSILL**

**IS-SITT KUNSILL**

**SEDUTA NRU 60 – IT-TNEJN 10 TA’ JANNAR 2011**

Il-Kunsill iltaqgħa fl-uffiċċju Amministrattiv tiegħu fi 'Three Villages' Trejqet ir-Rumanzieri, l-Iklin. Il-laqgħa bdiet fil-5.30 p.m.

| | | |
|---|---|---|
| **PREŻENTI:** | Sur Anthony Dalli | Sindku |
| | Sija. Yvonne Bartolo | Viċi-Sindku |
| | Sija. Margaret Zammit | Kunsillier |
| | Sur Nazzareno Cauchi | Kunsillier |
| | Sur Carmel Caruana | Kunsillier |
| | Alfred Naudi | Segretarju Eżekuttiv |

## 1. APPROVAZZJONI TAL-MINUTI TAL-LAQGĦA PREĊEDENTI.

1.1 Il-minuti tal-laqgħa tal-Kunsill numru disa’ u ħamsin (59) kienu ntbagħtu lil kull membru tal-Kunsill minn qabel u għalhekk ittieħdu bħala moqrija.

1.2 Il-Kunsill approva unanimament il-korrettezza tal-minuti u ġew iffirmati mis-Sindku Anthony Dalli u s-Segretarju Eżekuttiv Alfred Naudi bħala dokument korrett.

## 2. KORRISPONDENZA.

2.1 Ġiet imressqa l-lista tal-korrispondenza kollha li waslet jew inħarġet mill-uffiċċju bejn il-15 ta’ Diċembru u l-10 ta’ Jannar 2011.

2.2 Il-Kunsillier Ronald Cauchi staqsa fuq il-korrispondenza Nru. 3337/10. Il-Mepa talbet lil-Kunsilli Lokali biex jidentifikaw siti fil-lokalita' tagħhom fejn jistgħu jpoġġu "Notice Board" bl-avviżi tal-Mepa.

2.3 Il-Kunsillier Margaret Zammit staqsiet fuq il-korrispondenza Nru. 3356/10. Talba mingħand il-Kummissjoni dwar il-Patt tas-Sindki biex fil-lokalita' ssir ġurnata 'Energy Day'. Is-Sindku Anthony Dalli kkonferma li din sejra ssir fl-Iklin ukoll.

2.4 Il-Kunsillier Margaret Zammit staqsiet fuq il-korrispondenza Nru. 3380/10. Dan kien rapport ieħor mill-Mepa fuq il-Proġett li sar ftit ilu fuq in-National Flood Relief Project.

2.5 Il-Kunsillier Margaret Zammit staqsiet fuq il-korrispondenza Nru.0028/11. Dan kien ktieb mibgħut b'xejn mill-Uffiċċju tas-Segretarju Parlamentari għad-Djalogu biex jinżamm fil-librerija tal-Kunsill.

Doc. A u B anness

## 3. ILMENTI.

3.1 Ġiet ippreżentata l-lista ta' ilmenti bejn it-15 ta' Diċembru U l-10 ta' Jannar 2011, kif tidher annessa bħala dokument C.

3.2 Rigward ilmenti fuq bozoz Nru.S024 (Triq Ġuże' Pesci) Y009 (Triq il-Mużika) L027 (Triq Carmelo Pace) L080 u L081 (Triq ir-Razzett L-Aħmar) L007 (Triq il-Wied) u L018 ( Triq il-Wied) ġew irrapurtati minnufih.

3.3 Rigward ilment 136606 dwar ġrieden f'għalqa li hemm fil-bidu ta' Triq il-Bruka. Il-Kunsill ħa passi minnufih u rrapporta lil tas-Sanita'.

3.4 Rigward talba Nru. 28/12-1 29/11-1 biex terġa ssir il-mera li kien hemm ħdejn il-borehole ta' l-ilma fi Triq ir-Razzett L-Aħmar. Il-Kunsill ħa nota.

3.5 Rigward talba Nru. 29/12-1 09/12-1 biex isiru l-linji s-sofor mac-ċint fi Triq Richard Taylor fejn hemm it-tabelli. Il-Kunsill sejjer jieħu passi biex dawn isiru.

3.6 Rigward ilment Nru. 30/12-1 li ż-żewġ stabbilimenti fi Triq iċ-Ċitru u Triq il-Mużika qed iħallu ħafna kaxxi u pallets quddiem l-istores tagħhom, il-Kunsill ħa passi minnufih u dawn tneħħew.

3.7 Rigward talba Nru. 06//11-1 biex quddiem stabbiliment fi Triq Dun Karm Service Road issir il-bankina. Il-Kunsill ħa deċizjoni li din issir mad-dawra kollha fi żmien qasir.

## 4. ĦLAS TA' KONTIJIET U NFIQ IEĦOR.

4.1 Is-Segretarju ressaq lista ta' kredituri kif tidher annessa f'dokument immarkat D.

4.2 Is-Sindku Anthony Dalli 'mbagħad ippropona li jitħallsu l-kredituri li jidhru fl-iskeda annessa. Issekondah il-Viċi-Sindku Yvonne Bartolo u wara kien hemm qbil unanimu li jsir il-ħlas indikat.

4.3 Is-Sindku ressaq kwotazzjoni mingħad id-ditta Waterproof-it. Ltd dwar ir-rampa li trid issir quddiem il-garaxx il-ġdid maġenb il-knisja. Il-prezz kien ta' €531.00.
Is-Sur Dalli qal li peress li kien għad kien hemm il-ħaddiema fuq il-post u din xorta waħda kellha issir, ippropona li jsir ix-xogħol magħhom.
Kulħadd qabel unanimament.

## 5. MATERJI KONNESSI MA' L-AWTORITA' TA' L-IPPJANAR.

5.1 l-Kunsillier Margaret Zammit għaddiet it-tagħrif dwar il-kontenut ta' l-applikazzjonijiet jew deċiżjonijiet li ttieħdu fl-Awtorita' ta' l-Ippjanar mill-aħħar laqgħa tal-kunsill.

5.2 Dwar PA 04595/10. 9, Graziella, Trejqet ir-Rumanzieri. Tiġdid tal-permess PA 4325/05 biex jinbena t-tieni sular. L-applikazzjoni ġiet approvata.

5.3 Dwar PA 03469/10. 77, Faraġ, Triq Stefano Erardi. Tibdil fil-permess PA 4514/09. Alterazzjonijiet fuq id-dar eżistenti biex isir maisonette fis-sular mat-triq, u maisonette fuq l-ewwel sular. L-applikazzjoni ġiet approvata.

5.4 Dwar PA 03256/10. Villa Marbella, 3, Triq Enrico Naudi. Bini ta' garaxx fil-basement u store domestiku, estensjoni tal-bungalow eżistenti, bini ta' kamra għall-pompa, u bdil ta' l-elementi fuq il-faċċata. L- applikazzjoni ġiet approvata.

## 6. BUDGET 2011.

6.1 Is-Sindku Anthony Dalli ressaq d-Draft Budget għas-sena kurrenti. Beda biex qal li l-allokazzjoni ta' din is-sena kienet ta' €215,250.

6.2 Wara li ta rendikont dettaljat tal-fondi kif kienu sejrin jiġu allokati hu kompla biex ta rendikont tax-xogħlijiet li twettqu s-sena l-oħra u x'sejjer isir din is-sena.

6.3 Is-Sur Dalli qal li barra l-allokazzjoni li tingħata l-Kunsill, huwa japplika għal fondi speċjali li joħorġu minn żmien għal żmien mid-Dipartiment tal-Ġvern Lokali u sorsi oħra, bħal fondi mill-Unjoni Ewropeja.

6.4 Wara li talab lil Kunsilliera preżenti għal- "feedback", huwa ippropona li nimxu fuq dawn il-figuri proposti u noħorġu l- Budget għall-approvazzjoni tal-Kunsill.

**7. ĠUDIKAZZJONI TAT-TENDER 5/10 – CONTRACT MANAGER.**

7.1 Il-Kunsill irrefera għas-sejħa ta'offerti li saret dan l-aħħar għal servizz ta' Contract Manager. Hu qal lil-Kunsill kien irċieva 4 offerti li kienu:

| | |
|---|---|
| 1. Christopher Galea | €7,500. |
| 2. Valerio Schembri Project Workshop Ltd | €3.5% (€7,000) |
| 3. Antoine Gatt | €9,000. |
| 4. William Lewis | €2280 annwali jew 1.45% fuq l-ammont kollu. |

7.2 Peress li kien jidher biċ-ċar li l-aħħar offerta kienet l-iżjed waħda vantaġġjuża, il-Kunsill iddeċieda li jagħżel dik tal-Perit Willaim Lews. Hu sejjer jiġi infurmat minnufih.

**8. APPROVAZZJONI TAL-PERFORMANCE TAS-SEGRETARJU EŻEKUTTIV.**

8.1 Is- Segretarju ressaq Memo 1-11 fejn talab biex jiġi ikkundsidrat il-Performance Bonus tas-Segretarju għas-sena 2010.

8.2 Għaldaqstant is-Sindku Anthony Dalli talab lis-Segretarju biex iwarrab ftit ħalli jiġi diskussa dan is-suġġett.

8.3 Wara ftit reġa' ssejjaħ lura fejn kien infurmat li l-Performance tiegħu kienet approvat unanimament.

Doc. E. anness.

**9. APPROVAZZJONI TAL-PERFORMANCE BONUS TA' L-ISTAFF KLERIKALI.**

9.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq Memo 2-11 fejn talab biex jiġi kkunsidrat il-Performance Bonus ta' l-Istaff Klerikali.

9.2 Is-Sur Dalli qal li l-istaff klerikali kienu ddedikati ħafna fuq ix-xogħol tagħhom u jagħmlu ħilithom biex jagħtu l-aħjar servizz. Għaldaqstant kien qed jipproponi li jingħatalhom il-Bonus skond il-liġil
Kulħadd qabel unanimament ma' din il-proposta.
Doc. F

## 10. ĦRUĠ TA' TENDERS TAL- ISKART IMĦALLAT U BULKY REFUSE.

10.1 Is-Segretarju ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill li kien sejjer jagħlaq it-Tender ta' l-Iskart Imħallat u Bulky Refuse fl-aħħar ta' dan ix-xahar. S'issa kellna kuntrattur wieħed għaż-żewġ servizzi. Talab ukoll estensjoni ta' xaharejn sakemm joħorġu t-tenders il-ġodda.

10.2 Għaldaqstant is-Sur Dalli, wara li rrefera għat-tender il-ġdid li barra li kien voluminuz kien fih ħafna tibdil, qal li kien qara il-Kundizzjonijiet Speċifiċi tal-Kuntratt u kien qed jissuġġerixxi li jinbidel il-ħin tal-ġbir u dan għandu jkun mid-9.00am sal-11.00am kuljum.

10.3 Jidher li kulħadd kien qed jaqbel u talab lis-Segretarju biex jibda l-proċess għal-ħruġ tat-tenders.

## 11. KUMNIKAZZJONI MIS-SINDKU.

11.1 Is-Sur Dalli ħabbar li l-Iskola Primarja ta' Ħal-Lija nhar it-Tlieta 18 ta' Jannar kienet sejra ġġib it-tfal għal Quddiesa fil-parroċċa tagħna. Għaldaqstant peress li ħafna tfal kienu mill-Iklin, il-Kunsill kien sejjer jipprovdi 'shuttle-service' bil-Privates mill-Iskola sal-Knisja; l-ispiża kienet ta' €100. Kulħadd approva.

11.2 Is-Sindku ħabbar xi attivitajiet li għandhom isiru fil-bidu ta' din is-sena il-ġdida.
L-ewwel sejra ssir taħdita fuq l-'Energy Saving' li sejra tieħu ħsiebha l-Viċi-Sindku Yvonne Bartolo.
Il-Kunsillier Ronnie Cauchi sejjer jiehu ħsieb il-Weekend Break fil-bidu ta' Marzu.
Il-Kunsillier Margaret Zammit sejra torganizza l-attivita' tal-Karnival għat-tfal.

11.3 Is-Sibt 15 ta' Jannar fis-6.00pm il-Kunsill Lokali sejjer jagħmel Quddiesa b'sufraġju għar-ruħ ta' l'ex Kunsillier Joseph Camilleri fil-parroċċa ta' l-Iklin.
Fakkar li l-Ħadd 16 ta' Jannar fis-6.00pm fil-Knisja tal-Iklin

kien sejjer isir il-Pussess tal-Kappillan il-ġdid, Dun Keith Bonnici. Talab biex il-Kunsilliera jkunu preżenti uffiċjalment bħala l-Aworita' Lokali.

11.4 Is-Sur Dalli qal li dan l-aħħar kellu talba biex jerġa jiġu kkunsidrati il-ħinijiet tat-tabelli tar-"Residents Parking fi Triq Dun Karm minn naħa ta' Ħal Mann sal-Model Shop. It-talba kienet biex ma' ssirx sorveljanza dwar il-ħinijiet.
Is-Sindku qal li ma' kinitx problema din il-proposta, biss jistgħu jergħu jidhru l-vetturi "For Sale".
Għaldaqstant talab lis-Segretarju biex jikteb lil-Authorized Officer biex jara li ma' jittieħdux passi f'din it-triq fuq il-ħinijiet biss. Sakemm jingħataw struzzjonijiet oħra.

11.5 Irrefera wkoll fuq il-ġbir tal-kartun mid-Ditta Green MT fil-lokalita' tagħna u qal li hemm bżonn terġa ssir laqgħa magħhom għaliex tal-ħwienet ma kienux jafu l-ġranet u l-ħinijet tal-ġbir. Għaldaqstant il-Kunsill sejjer jitlob laqgħa magħhom.

11.6 Fl-aħħar nett is-Sur Dalli irrefera għall-attivita' tal-Milied fejn sar Presepju Ħaj fuq iz-zuntier tal-Knisja u talab ir-reazzjoni tal-Kunsilliera.
Il-Kunsillier Margaret Zammit qalet li kien hemm nuqqas ta' attendenza.
Il-Kunsillier Ronnie Cauchi qal li l-purċissjoni kienet organizzata tajba u ntlaqgħet tajjeb mir-residenti.
Is-Sur Dalli qal li ħafna ommijiet kienu diżappuntati dwar il-Father Christmas. Din is-sena 24 persuna biss ġabu r-rigali fejn is-sena l-oħra kellna 50. Għaldaqstant sena oħra nerġgħu nikkunsidraw dawra bil-karrozzin biex jitqassmu ir-rigali.

## 12 AĠĠORNAMENT

12.4 Il-laqgħa ġiet fi tmiemha fis-6.50pm .
Qabel ma' spiċċat il-laqgħa kien hemm ftehim li l-laqgħa li jmiss ssir nhar it-Tnejn 24 ta' Jannar 2011 fil-5.30pm.

10.3 Dawn il-minuti sejrin ikunu mressqa u approvati waqt il-laqgħa tal-Kunsill ta' nhar it-Tnejn 24 ta' Jannar 2011 fil-5.30pm.

| | |
|---|---|
| **Anthony Dalli** | **Alfred Naudi** |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |